# Cognitive dementia and memory service (CDAMS)



# Dimenzja konoxxittiva u servizz konness mal-memorja

Id-dimenzja konoxxittiva u s-servizz konness mal-memorja (CDAMS) huma għal nies li jkunu nkwetati dwar bidliet fil-memorja tagħhom. Is-servizz għandu fondi mill-Gvern ta' Victoria u huwa b'xejn.

Is-servizz għandu l-għan li jipprovdi dijanjosi għaliex ikun qed ikollok problemi tal-memorja biex inti tkun tista':

- titgħallem dwar il-kundizzjoni
- tifhem il-bidliet
- tippjana għall-futur
- issir taf dwar il-kura
- issir taf dwar għajnuna li tista' tikseb fl-inħawi fejn toqgħod.

## X'inhi xjuħija normali

Bidliet żgħar fil-memorja huma normali meta tibda dieħel fiż-żmien. Jekk tkun imħasseb li dawn il-bidliet ikunu sejrin għall-agħar jew jibdew itellfuk fil-ħajja tiegħek ta' kuljum jekk jogħġbok ikkuntattjana.

## Sintomi ta' telfien ta' memorja

Xi tibdiliet li tista' tinnota dwarek jew dwar xi ħaddieħor huma:

- titlef l-affarijiet bħaċ-ċwievet, il-kartiera
- tinsa appuntamenti jew konverżazzjonijiet
- tħossok ansjuż dwar sitwazzjonijiet
- tintilef waqt li tkun issuq
- issib diffikulta' fil-kliem meta tkun titkellem ma' oħrajn
- ikollok problemi meta tkun qed tagħmel affarijiet familjari bħal meta ssajjar, tħallas kontijiet.

Hemm ħafna kawżi ta' telfien ta' memorja jew bidliet meta tkun qed taħseb. Dawn jinkludu:

- dimenzja
- dipressjoni
- alkoħol.

Huwa importanti li tkun taf eżattament x'ikun qed jikkaġuna l-problema biex jistgħu jkunu pprovduti l-kuri u s-sapport xierqa.

## X'inhu assessjar ta' CDAMS?

F'assessjar ta' CDAMS inti titkellem ma' tabib u ma' ħaddiem fil-qasam tas-saħħa. Tkun mitlub biex tiġi fil-klinika u jistgħu jżuruk fid-dar. Jista' jkollok bżonn ukoll tagħmel aktar testijiet u tkellem lil speċjalisti oħra.

Fl-aħħar ta' l-assessjar it-tim ta' CDAMS jispjega r-riżultati lilek u lill-familja tiegħek. Tingħata wkoll informazzjoni dwar il-laqgħa mat-tim u kif tikseb għajnuna.

## Kif tikkuntattjana

Kulħadd jista' jikkuntattja lis-servizz. Tista' tkellem ukoll lit-tabib lokali tiegħek biex tirranġa għal riferiment.

Jekk ikollok bżonn ċempel lis-servizz ta' interpretar (TIS) 131450.

Tista' tuża interpreti wiċċ 'imb wiċċ skond il-ħtieġa.

## Fejn qegħdin CDAMS?

| | |
|---|---|
| West Heidelberg | 9496 2596 |
| Bundoora | 9495 3272 |
| Caulfield | 9276 6010 |
| Cheltenham | 9265 1291 |
| Parkville | 8387 2194 |
| Mt Eliza | 9788 1276 |
| Burwood | 9881 1867 |
| Kew | 9268 0522 |
| St Albans | 8345 1246 |
| Barwon (Geelong) | 5279 2438 |
| Gippsland (Drouin) | 5625 0242 |
| Grampians (Ballarat) | 5320 3704 |
| Grampians (Horsham) | 5381 9333 |
| Hume (Wangaratta) | 5722 1663 |
| Loddon Mallee (Bendigo) | 5454 8500 |

Department of Human Services

Victoria The Place To Be

Maltese